**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Mejju 2024**

**Rikors nru ; 190 /2024 AGV**

**SA**

**Vs**

**AM**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' SA datat 12 ta' April 2024,**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament:

Illi l-partijiet izzewggu nhar il-15 ta' Lulju 2017 u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied minuri AM li twieldet fil-hamsa ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (05.05.2016) u LMM li twieldet fil-wiehed u tletin ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (31.10.2017) (ara kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A);

Illi sussegwentement il-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Fiona Zammit Armeni datat 6 ta' Gunju 2023 (ara kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni mmarkat Dok B), izda kienu ilhom separati *de facto* mis-sena 2020;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom (ara affidavit anness mmarkat Dok C);

Illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet reciprokament irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jircievu l-manteniment minghand xulxin u il-konvenut qed ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) ghal kull wild bhala manteniment ghal uliedu;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikoli 66B et seq tal-Kodici civili;

**Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob** li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien li l-istess Onorabbli Qorti jogghobha timponi jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

**Rat li l-konvenut ma ghandux oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju.**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat fil- 15 ta' Lulju 2017**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**